# IT-TAQBIDA

———0———

## DRAMM B'ATT WIEHED

TA'

GIACINTO TUA u IVO MUSCAT-AZZOPARDI

---

*Hadd ma jista' jahdem fuq il-palk jew ixandar dan id-dramm mingħajr is-sensja bil-miktub ta' l-awturi.*

---

Stampat fid-Dar ta' San Ġużepp—Ħamrun.

# KELMTEJN QABEL

DAN huwa r-raba' dramm li se jidher stampat bil-Malti li l-awtur ta' l-oriġinal tiegħu huwa d-drammaturgu malti GIACINTO TUA. It-tlieta ta' qablu (L-aħħar tagħniqa, Lejlet il-Milied u It-Tewba) kienu dehru stampati bit-Taljan.

Dan, minflok, qatt ma deher fl-idejn, imma jien ngħoddu bħala biċċa xogħol ta' psikoloġija, tipika għall-istil ta' Tua, li kien jinħtiġilha tara d-dawl biex ma tintemmx fuq l-ixkafef u għalhekk kont ikkollaborajt ma' Tua, aktar milli ittraduċejtulu, biex nagħtu lill-Palk Malti biċċa xogħol sabiħa oħra.

Imma l-aktar li xtaqt li jidher stampat huwa biex isem GIACINTO TUA, ħabib tal-qalb, kittieb li għaraf imiss dejjem il-qalb, kollaboratur sinċier, jibqa' dejjem igħix fostna għax, kif igħid il-Malti, il-miktub mhux maħrub.

Dan il-buzzett inħadem l-ewwel darba fil-Konkors tal-K.O.P.T.E.M. ta' l-1950. Marridx nidħol fil-mertu jekk inħademx biżżejjed tajjeb mill-Kumpannija CITTADINI. Naf li huma għamlu mill-aħjar u l-publiku ma laqgħux ħażin, imma rrid nipprofitta ruħi minn din l-okkażżjoni biex ingħid li wieħed mill-kritiki tal-ġurnali qal li...... *"the play has hardly a plot"*.

Issa rrid inħalli f'idejn il-qarrejja ta' "Il-Malti" biex igħidu huma jekk dan id-dramm ta' Tua u tiegħi għandux jiġi ikkritikat bħala dramm bla nisġa, bla teżi...... kif għoġbu jsejjaħlu l-kritiku tal-ġurnal li ismu aħjar ma jissemma xejn.

Jien għad fadalli ħafna xogħlijiet oħra ta' Tua maqlubin għal Malti u jekk jirnexxili u l-ħila ma tonqosnix għad nurihom kollha d-dawl fl-atmosfera tal-letteratura maltija.

I. M. A.

San Ġiljan, 6 ta' Novembru, 1950.

# IT-TAQBIDA

———0———

## DRAMM B'ATT WIEHED

TA'

GIACINTO TUA u IVO MUSCAT-AZZOPARDI

---

## PERSUNAĠĠI

L-AVUKAT KARLU DEGREGORJU.

MARIJA.

L-INĠINIER RENE' STEFANI.

KARMENA.

---

Iż-Żmenijiet tal-lum.

---

## XENA—I.

Salott imgħammar b'ħafna gost u b'għamara sabiħa. Pjanuforti *mezza coda* fin-naħa tal-lemin, fir-rokna. Kwadri taż-żejt, sbieħ u aktarx kbar, u arloġġ b'pendlu antik. Il-kamra ittapizzata.

Bieb fin-nofs, ieħor fil-lemin u ieħor fix-xellug. It-tlieta mgħottijin b'purtieri aktarx tqal jaqblu mat-tapizzerija. Qabel ma jitla' s-siparju tinstama' tindaqq fuq il-pjanu għal xi ftit minuti, is-sinfonija *Inachevée* ta' Schubert; xi d-9 ta' bil-lejl.

MARIJA

*(Għandha xi 25 sena; aktarx twila, xagħarha u għajnejha suwed; mara sabiħa. Liebsa* penoir *tal-ħarir u meta jitla' s-siparju tidher qiegħda quddiem il-pjanu, bi spallejha jħarsu lejn il-bieb tan-nofs, u tkun għadha kif temmet is-sinfonija ta' Schubert; idejha mitluqin bħal ta' waħda mdejqa minn xi ħaġa, rasha mitluqa fuq sidirha. Skiet kbir.)*

KARMENA

*(Tidħol min-nofs, tieqaf fuq il-għatba u ssejħilha aktarx taħt ilsien)* Sinjura!

MARIJA

*(Lanqas tismagħha u tibqa' kif tkun.)*

KARMENA

(*B'leħen aktar għoli u tersaq ftit lejha*) Sinjura Marija!

MARIJA

(*Tinħasad*) Eh! Eh! Xi ġralek? Xi trid?

KARMENA

(*Bejn ħaltejn*) Hawn l-Inġinier Stefani.

MARIJA

(*Tqum b'ħasda*) René? X'ġie jagħmel dal-ħin?

KARMENA

Jixtieq ikellmek, sinjura.

MARIJA

(*Mifxula u nervuża*) F'dawn il-ħinijiet?! (*Tagħti daqqa ta' għajn 'il-pendlu*) Madankollu...... (*Tħares lejn il-bieb tax-xellug, aktarx inkwieta*).

KARMENA

(*Bejn ħaltejn*) U staqsieni jekk is-sur Karlu hux hawn.

MARIJA

Ah!? (*Tistaqsiha b'ħarsa*).

KARMENA

Is-sur Avukat għadu ma ġiex.

MARIJA

Żgura li ma ġiex?

KARMENA

Ma jidhirlix. (*Tħares lejn il-bieb tax-xellug*) Tridx immur nagħti daqqa t'għajn fl-istudju?

MARIJA

Le! (*Trid turi ruħha indifferenti*) M'hemmx għalfejn! Madankollu l-Inġinier Stefani aktarx li lis-Sur Karlu jixtieq ikellem u...... billi hu mhux hawn......

KARMENA

(*Tagħmel ta' bir-ruħha emmnitha*) Jista' jkun, sinjura!

MARIJA

(*Wara li taħsibha ftit*) Għidlu jgħaddi.

KARMENA

Kollox sew, sinjura. (*Toħroġ min-nofs*).

MARIJA

(*Imbażża' u thewden*) Imma x'fettillu jarġa' jiġi?...... tlabtu tant biex......!

## XENA—II.

(*Tidher Karmena u warajha jiġi René Stefani. Karmena toħroġ. René Stefani għandu xi 27 sena, wiċċu serju li juri rieda qawwija; liebes kapott u għonqu mdawwar b'xalpa. Jibqa' kważi filbieb iħares lejn Marija b'ħarsa iebsa.*

MARIJA

(*Inkwieta bis-sħiħ*) Għalfejn arġajt ġejt? Ma tlabtekx bilħniena biex......

RENE'

Iva...... hekk hu...... u jien wegħedtek li......

MARIJA

Mela x'fettillek?

RENE'

(*B'leħen aħrax*) Se nsiefer.

MARIJA

(*B'għajta*) Le!

RENE'

(*Kważi lilu nnifsu*) Iva, se nsiefer!

MARIJA

(*B'rogħda fuqha*) Jiena ma tlabtekx dan. Qatt ma għaddietli minn rasi ħaġa bħal din.

RENE'

Jista' jkun imma,...... aħjar hekk. Jeħtieġ inrabbu l-ħila. (*B'għoqla fi grieżmu*) Batejt sakemm ħadt din id-deċiżjoni...... batejt ħafna, Alla biss jaf kemm batejt. (*Jibqgħu jħarsu lejn xulxin, sektin, mikdudin*).

MARIJA

(*B'leħen kemm kemm jinstama'*) U...... għal meta?

RENE'

(*Wara pawsa żgħira*) Għada fil-għodu.

MARIJA

(*B'ħasda*) Hekk malajr?

RENE'

(*Bħallikieku jrid jirbaħ lilu nnifsu*) Għalfejn nistennew aktar? Kull jum, kull siegħa, l-uġiegħ jikber. Iżjed ma jgħaddi żżmien it-tagħfis tal-qalb joktor...... id-dwejjaq jiżdiedu. U mbagħad...... ma nafx...... iżjed 'il quddiem tista' tonqosni l-ħila......

MARIJA

(*B'dehwa*) U fejn bi ħsiebek tmur?

RENE'

(*Jgħolli spallejh*) X'imkien fil-bogħod.

MARIJA

Fil-bogħod ħafna?

RENE'

Iva...... fil-bogħod kemm jista' jkun.

MARIJA

(*B'leħħa ta' tama*) Imma fejn? Għid fejn?

RENE'

L-Indja.

MARIJA

(*Imbażża'*) L-Indja!? (*Qalbha maqtugħa*) Daqshekk bogħod minni?......

RENE'

Iva! Iżjed ma mmur 'il bogħod aħjar għal kulħadd. Minn dak il-bogħod kollu x-xewqa li narġa' niġi tonqos ħafna.

MARIJA

(*B'leħen imbikki*) U x'bi ħsiebek tagħmel...... hemmhekk...... waħdek......

RENE'

(*B'indifferenza*) Dak li nagħmel hawn. Dak li dejjem għamilt; naħdem bis-sengħa ta' Inġinier. Nara nwaqqafx xi soċjetà, għall-bini tat-triqat, għall-ferrovija, għall-pontijiet...... hemm art kbira, iżjed ma nibni triqat iżjed nidħol 'il ġewwa...... aktar ma naħdem aktar ninsa...... aktar ma nitbiegħed aktar tonqos il-probabbiltà li......

MARIJA

(*Kemm kemm tista' żżomm fuq saqajha*) Madonna tal-Ħniena!

RENE'

(*Jersaq lejha b'leħen ta' mħabba*) Marija...... imsejkna Marija tiegħi.

MARIJA

(*Tagħti pass lura u twarrablu idu*) Le, René, le; ikollok ħniena. La tmissnix.

RENE'

(*B'talba*) Imma l-għala ħloqt dan it-tfixkil kollu...... u x'fettillek ġibt b'idejk stess dana n-niket u d-dwejjaq kollha fostna...... stajna nkunu tant henjin u ferħana. Dan għamilek mhux għamil il-bnedmin.

MARIJA

Iskot...... tgħidx ħmerijiet...... x'inhuma dawn il-ħsibijiet ħżiena u koroh li qegħdin igħaddulek minn rasek? Jiena u inti ma għandniex il-jedd ta' din il-hena......

RENE'

Kieku inti trid, tgħid iva bis-saħħa u rieda sħiħa (*b'sogħba*) Imma int, minn flok......

MARIJA

(*Tħares f'għajnejh b'imħabba u ħrara*) Jien? X'inhu jien? Xi trid tgħid? Issokta......

RENE'

(*Ibaxxi rasu mirbuħ*) Kieku int kont tħobbni daqs kemm inħobbok jien......

MARIJA

(*Milquta sewwa*) René, din dagħwa faħxija...... Inti ma tafx x'inti tgħid...... inti mitluf minn sessik......

RENE'

Kieku int ridt ma konniex naslu fħiex wasalna.

MARIJA

Ah! Tassew! Taħseb mela li għalija kienet ħaġa ħafifa nirbaħ lili nnifsi, inwaqqa' lili nnifsi f'din il-qagħda, u nnikket kull ħsieb tiegħi. (*B'għajta*) Mela m'intix tħoss li jien kissirt u farrakt b'idejja nnifsi kull hena ta' ħajti, li keffejt l-istess ruħi f'mantar ta' l-akbar sogħba.

RENE'

(*B'tama*) Imma l-għala dan kollu? X'jedd għandek inti li tgħakkes lilek innifsek u tgħakkes lili miegħek? Xi ħtija għandna aħna jekk ġejna mibrumin f'tempesta ta' mħabba?

MARIJA

Ebda ħtija; ebda jedd. Imma għandna dmirijiet x'naqdu.

RENE'

Dmirijiet? Lejn min?

MARIJA

Lejn żewġi.

RENE'

Tassew, hekk hu. Imma jien m'inix qiegħed nitolbok biex tidħak b'żewġek, biex titqarraq bi bniedem onest. Aħna m'aħniex ta' dan; aħna m'aħniex ta' din il-qatgħa. Hajja bħal din ma tgħoddx għalina, għax hija ta' nvell iżjed baxx mill-invell li fih igħarrxu l-ħsibijiet tagħna. L-imħabba tagħna hija għolja, għolja kemm tista' tkun!

MARIJA

Biss għal imħabba bħal din jeħtieġ li l-ħajja tiegħi ma tintemmx.

RENE'

Qed tara kif taħsibha bħali!? Għal sentejn sħaħ ħabbejtek fis-skiet. Tqabadt miegħi nnifsi, lejl u nhar; kienet taqbida ħarxa u kiefra, u jien...... jien li f'ħajti kollha qatt ma bżajt minn

tfixkil, kelli kontra qalbi u ridieti ngħodd ruħi b'mirbuħ. Kont naf, u naf il-lum iżjed minn qabel, li inti m'intix waħda minn dawk li jħobbu jixħtu isem żewġhom ġewwa t-tajn u isem uliedhom fil-għajb, u għalhekk għidtlek u qed intennillek il-lum: "Trid tiġi miegħi? Tkun tiegħi fil-beraħ? Fid-dawl tax-xemx?"

MARIJA

(*Titqabad dejjem bejn iva u le*) René jiena jidhirli li aħjar nidħol fi triq oħra. It-triq id-dritta, it-triq it-tajba. Dik it-triq li kull mara li għandha isem xi tħares u iben xi trabbi, jeħtieġ li timxi fiha. Ħassejt li l-qawwa tiegħi biex nirbaħ kienet bdiet tonqos u ma ridtx nissokta nilgħab man-nar għax bżajt li fl-aħħar xi xrara tolqotni u tqabbadli ħwejġi. Nitlef?! (*Bi tbatija kbira*) Le...... ma ridtx nitlef u għalhekk dort fuqek...... tlabt lilek...... lilek, raġel...... u tlabtek biex taħrab minni...... qabel ma jkun tard wisq.

RENE'

(*Mirbuħ għal kollox, għalkemm wara taqbida kbira bejn ruħu u ġismu*) U jien smajt minnek...... u qtajtha li nsiefer......

MARIJA

Iva, iva...... imma qatt ma ġieni f'rasi li se titlaq hekk filbogħod. Qatt ma bsart li mħabba fija kont sejjer iġġib fix-xejn karriera sabiħa.

RENE'

(*Bi tbissima mqanżħa*) Il-karriera tiegħi?! X'inhi għalija l-karriera ħdejn ħajti nfisha? Jiena ma kellix ħlief lilek Marija...... lilek biss u inti......

MARIJA

(*Tintelaq fuq is-sufan bħal waħda għajjiena tassew*) Mela kollox spiċċa...... kollox spiċċa.

RENE'

(*B'leħen imbikki, jersaq lejha b'wiċċu kważi jmiss ma' wiċċha*) Iva, Marija, kollox spiċċa. Il-ħolma tiegħi kienet wisq sabiħa biex tista' tkun vera. Kien għabex li jwaħħax! Tiftakar xejn sentejn ilu meta ltqajt l-ewwel darba ma' Karlu li kien sieħbi fl-Università? Meta rajtek l-ewwel darba ħassejt xi ħaġa ġdida titwieled fija. Imma kont tant żgur minni nnifsi, kont tant qawwi fil-ħsibijiet tiegħi li ma ndunajtx li dik ix-xi ħaġa li kienet qed titwieled fija kienet imħabba...... li bdiet taħdem fija bil-ftit il-

ftit sakemm ħaddnitni għal kollox; imma f'qalbi bqajt dejjem ingħid: "U iva, dil-burraxka għad tgħaddi kif għaddew oħrajn qabilha; ma jistax ikun li ma ngħaddix minnha". (*Jisħon*) U meta mbagħad ħassejt u rajt illi inti wkoll, Marija, inti wkoll kont tħobbni, deherli li kont missejt is-sema b'idejja u xtaqt niżżiħajr lid-dinja kollha; imma issa, issa ftaħt għajnejja beraħ għax inti qajjimtni minn ħolma ħelwa li kont qiegħed nagħmel...... il-ħolma għabet. Issa wrejtni li sagrifiċċju mill-aqwa huwa meħtieġ. Li fuq l-imħabba tagħna hemm xi ħaġa ogħla...... aktar qawwija mis-sagrifiċċji kollha tagħna......

MARIJA

Iva, Alla l-Imbierek.

RENE'

(*Mistagħġeb*) Alla!!

MARIJA

Iva, Alla jinsab kullimkien, fuq kulħadd u fuq kollox.

RENE'

Alla jew id-destin?! Il-għala kellna niltaqgħu fl-istess triq, il-għala ġejt quddiemi? Jidhirlek int li l-ħati huwa jien biss?

MARIJA

Iskot, René, tgħidx kliem bħal dan. Kien Alla l-Imbierek li tani s-saħħa li nitqabad u nirbaħ. Int ukoll jeħtieġ titqabad u tirbaħ.

RENE'

Nitqabad għidt? Kieku taf x'taqbida saret fija dak il-jum li fih ordnajtli...... biex nitlaq.

MARIJA

(*Milquta*) René!

RENE'

Dan żgur, hekk hu; għidt sewwa, ordnajtli, għax inti taf tajjeb li t-talba tiegħek għalija mhix ħaġa oħra ħlief ordni. Dak il-jum ħassejt li d-dinja kienet spiċċat għalija, bħallikieku terremot qawwi waqqa' kull ħaġa tal-Belt li kont ingħix fiha; quddiemi ma rajtx ħlief il-mewt, dik il-mewt ħanina li flok tbażża' n-nies tiġi biex isserraħhom. Imma mbagħad bdejt naħseb fik, fin-niket tiegħek, fis-sogħba li stajt tħoss imħabba f'mewti...... bdilt ħsiebi. (*Mitluf minn sessih*) Int Marija, int biss il-ħtija li

ninsab f'din il-qagħda kerha, int biss qed iżżommni msammar mas-salib qalil tiegħi.

MARIJA

(*Tibki bħal tarbija, ma tafx x'qiegħda tagħmel*) Biżżejjed...... biżżejjed, ikollok ħniena.

RENE'

(*B'qalbu maqsuma*) Le, tibkix, Marija, aħfirli u agħdirni; nitolbok...... la tibkix. Inti għandek raġun; Alla l-Imbierek jinsab kullimkien u fuq kollox. Nittamaw...... nittamaw fil-ħniena tiegħu. Bil-għajnuna tiegħu għad ninsew lil xulxin...... Ma nafx jekk ħaġa bħal din tistax tkun...... imma għall-inqas nistgħu nittamaw. Inti mara tajba, safja fil-ħsibijiet u magħġuna b'imħabba qaddisa. Imħabba bla tniġġis...... u jien ukoll bħalek. U għalhekk jeħtieġ naħrab...... nitbiegħed minnek ħafna, ħafna...... u iżjed ma nkun 'il bogħod aħjar, u int tista' tħares lejn żewġek b'għajnejk safja...... tħaddan miegħek bla rimors lil ibnek Ġulju, il-frott qaddis taż-żwieġ tagħkom. (*B'saħħa fuqu nnifsu*) Marija, jien se naħrab minnek, biex il-fakra ta' l-imħabba safja li twieldet fina tibqa' tgħix midfuna ġewwa qalbna, moħbija minn kull għajn. (*Jibki bħal tarbija*) Saħħa, Marija...... saħħa Marija tiegħi...... (*Ibusha fuq wiċċha ħafna drabi, fejn ġie ġie, u jaħrab mill-bieb tan-nofs bħal wieħed imherwel*).

MARIJA

(*Tibqa' qisha storduta bla titniffes, mixħuta fuq is-sufan wiċċha isfar daqs il-qarsa tax-xama', bid-dmugħ nieżel minn għajnejha u sidirha tiela' u nieżel. Sikta twila ħafna li ma' tulha ma jinstamax ħlief it-tektik tal-pendlu.*)

## XENA—III.

KARLU

(*Jidħol mil-lemin, għandu l-istess għomor ta' René, simpatiku u eleganti, għandu daqna żgħira; isfar mewt, b'ħarstu mejta, idejh jirtogħdu; jersaq lejn is-sufan mingħajr ma jinstama' għax il-passi tiegħu imtaffin mit-tapit. Jieqaf quddiem martu, iħares lejha bi skiet u fit-tul.*)

MARIJA

*(Wara ftit tiftaħ għajnejha; tilmaħ lil Karlu, tqum b'ħasda f'daqqa u tixħet għajta ċkejkna ta' biża', u titbiegħed minnu.)*

KARLU

(*B'kalma mqanżħa*) Tajtek qatgħa?

MARIJA

(*Tipprova tiġi f'sikkitha*) Iva, ħsibtek......

KARLU

(*Bi tbissima għajjiena*) Ħsibt li kont il-każin bħas-soltu...... hux hekk? Tassew li l-ħdax għad ma daqqewx.

MARIJA

Deherli li wara ċ-ċena ħriġt.

KARLU

Hekk hu; ħriġt...... imma ġejt lura malajr. Kont qiegħda ddoqq...... ma smajtnix dieħel. U ma ridtx infixklek. Kont qiegħda ddoqq tant tajjeb donnok mitlufa minn sessik. Għamilt ħażin?

MARIJA

Le, le...... xejn affattu......

KARLU

Mort dritt fl-istudju.

MARIJA

(*Donnha trid tikxef xi ħaġa*) U bqajt hemm?

KARLU

Dan żgur...... jaqaw?

MARIJA

Xejn. Staqsejtek biex nistaqsik.

KARLU

(*B'leħen imriegħed*) René kien hawn.

MARIJA

(*Tinħasad*) Ah!

KARLU

(*Ilissen tajjeb il-kliem*) Smajt leħnu...... u leħnek ukoll.

MARIJA

(*Bil-biża'*) Fhimt x'konna qegħdin ingħidu?

KARLU

Iva...... kollox. U mn'Alla li ġiet hekk. (*Marija tagħti ruħha b'mirbuħa għal kollox u lesta biex tbati l-konsegwenzi*) Iva,

mn'Alla li smajt kull ma għidtu. Emminni li ma kelli ebda ħsieb jew xewqa li noqgħod nissamma'. (*Kliemu iebes kemm jista' jkun*) Meta smajt xi kliem f'din il-kamra, ersaqt biex nidħol hawn, imma dak li smajt sammarni hemm, wara dik il-purtiera. U mbagħad stħajjiltni qed noħlom ħolma kerha, u deherli li kelli quddiem għajnejja għamad oħxon subgħajn li beda nieżel bil-qajla l-qajla, u aktar ma beda jinżel stajt nilmaħ aħjar f'liema qagħda kerha kont ninsab. (*Lilu nnifsu*) Nìżżi ħajr 'l Alla li tani s-saħħa u l-ħila li nibqa' hemm nisma', nifhem u ma niċċaqlaqx.

MARIJA

(*Kemm kemm tinstama'*) Aħjar hekk.

KARLU

(*Imgħaddab u b'teħdida*) Imma kif stajt tagħmel ħaġa bħal din?

MARIJA

(*Imwegġa' u fuq tagħha*) X'inhu? X'inti qed taħseb?!

KARLU

(*Iżomm ruħu u jagħmel ta' bir-ruħu biered iżżejjed*) Ah! Skużani, aħfirli, naħseb li ma fhimtnix. Naf tajjeb li inti safja, safja daqs ġilju, inti mara qaddisa. Dak il-bews kollu li għadek kemm qlajt fuq wiċċek aktarx kien l-ewwel bews li qatt tak il-maħbub René. Mhux hekk?

MARIJA

(*Dejjem fuq tagħha*) Hekk hu, qed tgħid sewwa!

KARLU

Nemmnek, nemmnek tassew.

MARIJA

(*Ma tifhimx*) U mela?

KARLU

(*B'rabja mrażżna*) U mela? Taħseb forsi li billi ma tmegħektux ma' l-art għal kollox, ma nżiltux fit-tajn sa għonqkom, huwa biżżejjed? U billi issa telaq, aktarx għal kollox, jien soddisfatt? Għadek ma tafnix!

MARIJA

U x'ridtni nagħmel iżjed milli għamilt?

KARLU

(*Imgħaddab, b'għajta*) X'kellek tagħmel?! Kien imissek ma ħabbejtu qatt!

MARIJA

X'tort għandi jien? Lill-qalb min jista' jikkmandaha?

KARLU

Il-lum le, imma fil-bidu, sentejn ilu, meta rajtu l-ewwel darba u ħassejt ruħek fil-periklu, u rajt x'kien ġej quddiemek, stajt. Inti għandek biżżejjed dehen biex stajt tilmaħ ħaġa bħal din. Kien imissek taħrab minnu...... mill-ewwel.

MARIJA

(*B'qawwa*) Mela kont jien li fittixtu? Li ġrejt warajh?

KARLU

Le! Kont jien li bdejt inġibu hawn...... kważi kuljum. (*B'sogħba u niket*) Deherli li sibt ħabib tal-qalb...... Min qatt kien jobsor?

MARIJA

(*Iebsa*) Kif? Inti dejjem tgħid u tiftaħar li ħadd u qatt ma jilħaq ma' rasek, u li inti miżmum bħala avukat għaref......

KARLU

(*B'sogħba kbira*) Ma nafx...... forsi żbaljajt...... jista' jkun...... għaliex kont żgur minnek...... mill-imħabba tiegħek.

MARIJA

(*Mifxula*) Karlu, jista' jkun li ma kellix għaqal biżżejjed u li kelli nitolbok biex tbiegħed lil René minni. Imma ma tistax tgħabbini bi ħtijiet oħra.

KARLU

Jiena miniex qed ngħabbik bi ħtijiet. Ifhimni tajjeb. Ftakar x'għadek kemm għidtli. Lill-qalb ħadd ma jista' jikkmandaha; jiena wkoll għandi ftit tal-ħtija. Kont nemmen kollox b'għajnejja magħluqa...... kelli fik fidi qawwija.

MARIJA

U ma kenitx tisthoqqli forsi?

KARLU

......fidi qawwija għax kont naħseb li marti tħobbni tassew.

MARIJA

(*Hsiebha magħmul*) U kont inħobbok tassew.

KARLU

Le, tgħidx hekk. Ibqa' żgura li ma kontx tħobbni. Kieku inti kont tħobbni tassew, René kien jibqa' għalik bħala bniedem barrani. It-taħbita tiegħu fuq il-bieb ta' qalbek ma kienet tagħmel ebda effett. Kont forsi tbexxaq il-bieb biex tara min hu, u targa' tagħlaqlu l-bieb f'wiċċu, u mhux tiftħu beraħ. Minflok dak li ħassejt għalija u deherlek li kienet imħabba kien biss kapriċċ.

MARIJA

(*Tieħu għaliha*) Kapriċċ?

KARLU

Jista' jkun mhux kapriċċ għal kollox, imma mħabba żgur le. Sejħilha jekk trid, ġibda, simpatija, imma mhux imħabba. (*Bl-imgħoddi għaddej quddiem għajnejh*) Kont għadek kif ħriġt mill-kulleġġ, kellek sewsew tmintax-il sena. X'kont taf mill-ħajja int? Tqarraqt bik innifsek; tqarraqna t-tnejn. Int ħsibt li tħobbni u jien emmintek. Din hija l-ġrajja kollha tagħna.

MARIJA

(*Bdiet tħoss u tinduna li l-kliem ta' Karlu huwa sewwa*) Jien għamilt kull ma stajt. Tqabadt...... (*bi ftaħir*) u rbaħt.

KARLU

Tqabadt? Iva tassew. Irbaħt? Ma nafx. Irnexxielek tegħleb lill-kapriċċ tas-sensi tiegħek. Imma ruħek? Xi tgħidli għaliha? U qalbek? (*Juriha b'taħrika ta 'idu li ruħha u qalbha kienu marru*).

MARIJA

Xi trid iżjed? X'tixtieq minni?

KARLU

(*Nofs imgħaddab*) Nixtieq, nitlob u rrid dak li hu tiegħi— qalbek. Inti m'intix xi namrata tiegħi, inti marti.

MARIJA

Tajtek dak kollu li stajt nagħtik; dak kollu li jiddependi mirrieda tiegħi.

KARLU

Dak mhux biżżejjed, dak li tajtni ftit wisq. (*B'passjoni kbira*) Jiena rridek tiegħi, bir-ruħ u bil-ġisem. Inti qed toffrili biex nibqa' s-sid ta' ismek, ħaġa li wkoll il-bhejjem jistgħu joffru, imma dan jien ma rridux. Aktarx kont naħfirlek li kieku żammejt ruħek safja u għalija. Imma li tibqa' hawn miegħi...... li nħobbok, u inti taf biżżejjed kemm inħobbok...... meta naf li kull mument, waqt li qiegħda tħares lejja, waqt li qiegħda tkellimni, waqt li tinsab siekta, waqt il-ħolm tiegħek, ma tarax ħlief lilu, ma taħsibx ħlief fih...... dan le, le, qatt, ma jistax ikun. (*Jgħatti wiċċu biex ma jarahiex, mitluf mis-sensi tiegħu*) Dawn il-ħsibijiet se jġennuni, din it-tbatija se tifnini...... inħossni se niġġennen. (*Jibki bħal tarbija. Pawsa*).

MARIJA

(*Mehdija u bil-qajla*) U inti, raġel ta' l-akbar dehen, magħruf bħala psikologu mill-aħjar, inti taħseb u temmen li fil-qlub tan-nisa u f'moħħom hemm biss il-ħsieb ta' żwieġhom? La tiṫqarraqx. Jiena għandi lejk dmir qaddis. Id-dmir li nkun fidila u li nweġġħek. Ksirt forsi dawn iż-żewġ dmirijiet? Le. Mela xi ħtija għandi?

KARLU

(*Imnikket u sogħbien*) Il-ħtija tiegħek hija li żżewwiġtni mingħajr ma kont tħobbni.

MARIJA

(*Milquta*) Kont naħseb li nħobbok.

KARLU

Kont taħseb?! Ma nafx. Imma issa li għaraft x'inhija ṫassew l-imħabba, issa qed tħoss u tinduna li...... Ara, meta jien ftiṫ ilu qtajtha li niġi nkellmek, ma kellix f'rasi li se joħroġ dan kollu li għidna. Tkellimna żżejjed u għalxejn għax inti ma ṫistax tifhem xi tfisser marda tar-ruħ. Inti tħossok ruħek qawwija għax qdejt dmirek ta' mara miżżewġa.

MARIJA

Qed tgħid hekk għax inti ma tisṫax tifhem kemm hu kbir is-sagrifiċċju li għamilt.

KARLU

Jiena nammira l-qawwa ta' ħsiebek u nifraħlek ṫalli għaraft tirbaħ biċċa mit-taqbida, imma jien ma nistax naċċeṫṫah dan is-sagrifiċċju tiegħek li inti tgħoddu bħala kbir.

MARIJA

Bħal issa mhux Karlu qed jitkellem, imma l-avukat Degregorju...... mhux żewġi u n-namrat għandi quddiemi, imma r-raġel li jiddetta l-liġi.

KARLU

Le, fuq ruħi l-għażiża le. L-imħabba tiegħi baqgħet l-istess, ebda bidla ma saret fiha. Li kieku ma kontx inħobbok bis-saħħa tiegħi kollha kont naċċetta dak li qed toffrili : il-ġmiel ta' wiċċek, u l-ħlewwa ta' leħnek. Imma dan għalija mhux biżżejjed. Dak li jista' jinħafer lid-dgħajjef ġisem tal-bniedem ma jistax jinħafer lir-ruħ qawwija tiegħek, għax hija r-ruħ, u r-ruħ biss, li tagħmilna bnedmin u tpoġġina fi klassi għalina, fuq tarġa ogħla minn dik tal-bhejjem. (*Joqgħod għal ftit, imbagħad b'leħen maħnuq*) U int, issa li taf wisq tajjeb x'inhi l-imħabba, dik l-imħabba li twieldet fik mhux bis-saħħa u l-ħila tiegħi, imma ta' ħaddieħor, la tissoktax tipprova titqarraq bija u bik innifsek. Ifhem li kollox spiċċa bejnietna. (*Marija tbaxxi rasha u tibqa' siekta*) U issa li għidna lil xulxin kull ma kellna ngħidu, aħna t-tnejn ma nistgħux nibqgħu ngħixu flimkien.

MARIJA

(*B'ħasda kbira*) X'inhu?!

KARLU

Dak li għidt huwa dak li titlob in-natura tal-bniedem.

MARIJA

Imma......

KARLU

(*Jaqtalha kliemha*) Ismagħni tajjeb. Quddiem id-dinja u quddiem in-nies boloh tagħha, il-ħtija jeħtieġ li taqa' kollha fuqi. Il-ħażin huwa jien biss. Is-sewwa nafuh jiena u inti biss...... u dak l-ieħor. Jeħtieġ li kulħadd jaħseb u jemmen...... (*jagħfas fuq il-kliem*) li kont jien li ttradejtek, bdiltek. Ma' min u kif ma hemmx għalfejn wieħed ikun jaf. Dak li jeħtieġ li jingħaraf u jingħad huwa : "X'raġel bla qalb dak l-avukat Karlu, jidħak b'mara bħal dik, mara tajba qisha anġlu". (*B'ironija kbira*) Kliem bħal dan, jistħoqqlu tassew is-sagrifiċċju li qed tiftaħar li għamilt.

MARIJA

(*Barra minn sessiha*) U Ġulju?!

KARLU

Xejn tibża', miniex se nifirdek minn ibnek. Naf u nħoss wisq tajjeb li kieku ma kienx hemm huwa...... (*Marija trid twaqqfu imma hu jissokta*) ......li ma kienx hawn ibni, forsi dal-ħin...... inti ma kontx tkun hawn. Ma' dan kollu, it-tifel il-lum għandu tmien snin. Kbir biżżejjed, nistgħu nibagħtuh f'xi kulleġġ f'pajjiż ieħor.

MARIJA

Magħluq f'kulleġġ? 'Il bogħod minn hawn?

KARLU

Dan żgur, u b'hekk il-qagħda kerha tagħna, il-bruda ta' bejnietna, ma jindunax biha. Meta mbagħad jikber, isir żagħżugħ, raġel, ikunu għaddew ħafna snin, minn fuq ħajjitna u ħajtu, u xejn aktar ma jkun jista' jolqot bil-qawwi s-sentimenti tiegħu...... Imbagħad, u biss imbagħad, ikun jista' jagħraf dak li għadda minn missieru u jiġġudikah.

MARIJA

(*B'talba*) Jekk trid nista' nsiefer jien, immur 'il bogħod, fejn tridni int, basta tħalli lil Ġulju miegħi.

KARLU

U jien? Taħseb forsi li jien ma nħobbx lil ibni daqs kemm tħobbu int?

MARIJA

Imma la trid tinfired minnu......

KARLU

Jekk jidhirlek tista' tmur tgħix f'dik l-istess belt fejn nibgħatu lilu; għandek dota kbira biżżejjed biex biha tista' tgħix tajjeb, u tkun tista' tara lil Ġulju meta trid. (*Imnikket*) Jiena minflok ma nkunx nista' narah ħlief ftit drabi fis-sena.

MARIJA

Dan li se tagħmel mhux għemil tajjeb...... għemil ta' raġel bla qalb.

KARLU

Nistagħġeb kif ħaġa bħal din setgħet tgħaddilek minn rasek; għax jekk hemm xi ħadd li sejjer ibati, dan ix-xi ħadd huwa jien u jien biss. Inti se tkun maġenb ibnek. Jista' jkun li iżjed 'il quddiem għad jgħaddilek minn rasek li tmur tingħaqad...... ma' sieħbek. Inti għall-anqas għandek is-soddisfazzjon li x'imkien fid-dinja (*iżomm ruħu kemm jista' kalm*) jeżisti xi ħadd li jħobbok...... u li inti tħobb...... fil-waqt li jien qed nikkundanna lili nnifsi biex ingħix waħdi 'l bogħod minn ibni, u dan kollu mħabba fik.

MARIJA

Imħabba fija?!

KARLU

Dan żgur. Jeħtieġ li wieħed biss joqgħod igħix ħdejn Ġulju, u dan il-post jistħoqq lilek, bħala ommu. Jiena ma nistax narġa' nibda ħajti mill-ġdid. Lin-nies nissokta nurihom dak li mhux u nibqa' ngħix u nittama dak li ma jista' jasal qatt. Nibqa' nistenna.

MARIJA

Tibqa' tistenna?

KARLU

(*Sogħbien għal darba*) Le, le. X'inhu għaddej minn rasek? Qed taħseb forsi li se nibqa' nistenna...... xi kelma minn għandek. Jien nafek wisq tajjeb, jien u int magħġunin bl-istess għaġina. F'din id-dinja l-ġamra ta' l-imħabba darba waħda tixgħel. U l-hena tiegħi twieldet snin ilu, meta żżewwiġtek. L-hena tiegħek twieldet issa u se tibda taħkem fik minn għada 'l quddiem...... Kollox spiċċa bejnietna. (*Għajjien, bla saħħa, sogħbien, kważi jitkaxkar, joħroġ mil-lemin.*)

MARIJA

(*Tibqa' wieqfa għal ftit, tmur bil-mod lejn ix-xellug, ħarsitha mitlufa u fil-vojt, miexja qisha makna.*) Il-hena tiegħi twieldet issa...... se tibda taħdem fija minn għada 'l quddiem..... (*toħroġ; sikta tal-mewt li fiha ma jinstamax ħlief it-tektik tal-pendlu.*)

**SIPARJU BIL-QAJLA.**